SANNAT

Minuti tas-seba' laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 10 ta' Lulju 2013 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi-Sindku | Frances Galea |
| | Joseph Bajada |
| | Maria Cassar Sultana |
| | Margaret Said |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1. Approvazzjoni tal-Minuti**

75 Ġew approvati l-minuti tal-laqgħa Nru. 5 li saret fil-20 ta' Mejju 2013, laqgħa Nru. 6 li ssejħet b' urġenza fil-5 ta' Ġunju 2013.

**Item 2. Mill-Minuti**

.76 Rigward ir-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ tal-Measure 323 il-flus li kien għad baqa' ġew approvati mill-Paying Agency biex jinbena l-ħajt tas-sejjieħ tal-Bidwi Park. Gatt Tarmac Ltd. li kien qed jagħmel x-xogħol tal-kostruzzjoni tal-Bidwi Parku tar-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ li kien irtira l-garanziji, ġedded il-ġaranzija tal-Construction & Finishing Tal-Bidwi Park biss fil-10 ta' Lulju 2013. Dwar dawn il-garanziji l-kuntrattur kien avżat mill-ewwel biex iġeddidhom. Dik tal-Measure 323 għadu ma ġeddidiex.

77 Rigward il-UIF, Ms. Baldacchino mill-MEPA qalet li għandha kollox u ser tressaq kollox quddiem il-bord. Rigward tal-fanali ta' Triq Sannat iridu jiddeċiedu min ser jkun responsabbli biex jiffirma, jekk hux il-perit jew Galea Curmi Eng. Consultants. Rigward il-playing field ser jagħtuna n-nofs tal-flus u meta jitlesta l-proġett jagħtu l-kumplament.

78 *(para.10)* Rigward l-isponsor tal-attivita' Notte Scarlatta mill-Ministeru għal Għawdex, is-Segretarju qal li ma għandniex konferma. Il-Kunsill ġie nfurmat mis-Sindku li din il-konferma kienet intbagħtet lilu mill-Ministeru għal Għawdex.

89 *(para.16)* Il-klassijiet tal-Aerobics bdew issiru.

90 *(para.15)* Rigward il-bozza ta' fejn Jack Galea, is-Sindku qal li l-bozza xorta waħda trid tinqala' u ssir flood light, imma mhux n-naħa ta' Galea.

SANNAT

91 *(para. 17)* L-Action 413.6 - Festivals and Events tal-Gozo action Group ġiet irtirata.

92 *(para. 21)* L-applikazzjoni tal-Measure125 għal titjib ta' toroq rurali u passaġġi saret. Din l-applikazzjoni saret għal Triq Bardan u l-Isqaq Dun Nastas. Il-Kunsill irid joħroġ 20% tal-ispejjeż.

93 *(para. 25)* Rigward il-kwotazzjoni Nru. 01/2013 *Construction of stone vernicular features at Tal- Bidwi Park. Joseph Zammit* inkitbitlu l-ittra biex jikkonferma jekk iridx jagħmel ix-xogħol. Dan ma rrispondiex. Għandha tinkiteb ittra oħra bħala reminder lis-Sur Joe Zammit.

94 *(para. 26)* Il-Kunsill irċieva żewġ kwotazzjoniniet għat-tħaffir fl-art għal platform tal-bus shelter ta' Triq Ċenċ fil-pjazzetta ta' fuq. Dawn kienu:

1. P & J Debono Cons. Ltd. li kienet ta' €1,250.
2. Lawrence Attard li kienet ta' €900

Il-Kunsill għażel dik ta' Lawrence Attard li kienet l-irħas waħda. Dan għandu jiġi nfurmat sabiex jagħmel il-permessi meħtieġa u jibda x-xogħol.

95 *(para. 36)* Claudio Cauchi ġie nfurmat biex jagħmel il-vetrina tax-Show case. Dan qed jistenna min għand George Azzopardi.

96 *(para. 37)* Rigward l-assigurazzjoni, il-Kunsill ġie nfurmat mill-kumpanija tal-assigurazzjoni li hu fl-interess tiegħu li jkun assigurat kollox fejn jidħlu l-proprjetajiet tal-Kunsill. Għandha ssir stima tal-proprjeta kollha li trid tiġi nkluża fl-assigurazzjoni.

97 *(para. 42)* Anton Zarb aċċetta li l-kont tiegħu tal-għamara tal-pedestrian space ta' Triq Skerla jitniżżel għal dak ta' €3,332.20ċ.

98 *(para. 43)* Rigward is-sitwazzjoni tal-fanali ta' Triq it-28 ta' April 1688 inkitbet ittra lil Alex Gatt fejn ġie mitlub jirranġa s-sitwazjoni a spejjeż tiegħu. Gatt qalli li ġa kellem lis-Sindku. Is-Sindku ċaħad li dan kellmu. Is-Segretarju għandu jerġa' jikteb lil Alex Gatt biex jirranġa s-sitwazzjoni. Inġabet stima tax-xogħol li jrid isir mingħand Galea Curmi biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni. Din hi ta' €2,003.82.

99 *(para. 46)* Rigward in-nies barranin li qed jiġu fil-farmhouses u appartamenti tal-kiri fi Triq Skerla li qed iħallu l-boroż tal-iskart barra, inkitbet ittra lil kull farmhouse u appartament li hemm għal kiri fil-lokalita'. Uħud minn dawn ġew lura għax ma għandhomx letter box. Il-Kunsill qabel li ssir tabella għal Triq Skerla fejn jingħad li ma jistax jintrema skart fl-art. Għandhom jitniżżlu l-ħinijiet tal-gbir tal-skart.

100 *(para. 48)* Intbagħtet ittra lir-residenti li mhux aċċettabli li jinxeħtu boroż fl-art fejn il-Bin on wheels bl-iskart fl-art. Xi nies ma tawx każ ta' dan l-avviż bil-konsegwenza li baqa' jinxeħet fl-art. ~~Is-Sindku neħħa dawn il-bins on wheels~~. Il-Kunsill kollu qabel li dawn il-bins on wheels jitneħħew. Il-Kunsill qabel li kull ħmistax kull nhar ta' Sibt jitpoġġa open skip bi prova għas-servizzi tar-residenti ta' Sannat. F'dan l-Iskip ma jistax jinxeħet skart goff ħafna, terrapien jew ġebel. Dan ser isir bejn il-10 .00 a.m. u nofs inhar. Ser ikun hemm persuna għassa ma' dan l-iskip. Min jagħmel użu minn dan l-iskip irid juri l-karta tal-identita'. Il-



15.1.14

Kunsill qabel ukoll li fis-sajf kull nhar ta' Ħamis jibda jinġabar l-iskart domestiku tal-borża s-sewda bħala prova fl-istess ħinijiet li jsir il-ġbir ta' skart matul il-ġimgħa.

101 *(para. 49)* Il-bozza fejn ta' Renzo Galea, Flat 2 St. Margaret Court, Triq Ras in-Newwiela ġiet approvata u ordnata.

102 *(para. 52)* Il-bozza ta' fejn Furta Curmi fi Triq tal-Gruwa ġiet approvata u ordnata.

103 *(para. 56)* It-talba tal-kap tal-iskola Primarja ta' Sannat Daniel J. Cassar talab sabiex issir zebra crossing fejn l-entratura tal-Special Unit saret lil Ministeru għal Għawdex. Il-perita tal-Ministeru qed tipprepara pjanta tas-sit konċernat.

104 *(para. 57)* Il-Kunsill għadu jrid jara x'jista' jsir rigward it-talba ta' Rose Fava li tablet biex fi Triq l-10 ta' Ottubru jsiru Double Yellow Lines f'din it-triq għaliex qed jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat,.

105 *(para. 60)* It-tabella *Dead End* u *Black Spot* fil-bidu ta' Triq Bardan twaħħlet u ġiet approvata minn Transport Malta. Fi Triq Il-Kbira hemm tabella 35km nieqsa. Din ġiet ordnata mingħand Refalo Signs.

106 *(para. 65)* Lawrence Borg ġie kkuntatjat u għandu jibda x-xogħol tal-qanniċ il-ġimgħa li ġejja.

107 *(para. 63)* Claudio Cauchi poġġa l-kannizzata f' Tal-Bidwi Park.

108 *(para. 64)* Rigward it-tender tal-Creation of Project Webste, setting of an ICT platform and creation of hunts/games il-bord tal-aġġudikazzjoni ser ikun magħmul mill-perit Scerri. Eman Curmi u l-inġinier Azzopardi għaliex John Mizzi ma jistax. Ġa beda jiltaqa' l-Bord.

109 *(para. 66)* Il-ħamrija tal-Bidwi Park inħartet minn Joseph Micallef għall-prezz ta' €354.

**Fil-5 ta' Lulju nfetħu t-tenders pendenti li huma:**

110 Għat tender ta' tindif u manutenzjoni tal-playing field kien hemm erba' offerti li kienu:

## Tender No. 03/2013

## Tender for the Cleaning and Maintenance of playing field in an Environmentally friendly manner at Triq Marziena in Sannat.

**Closing date 5th July 2013 at noon**

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1. | Josef Gauci | € 5,548 |
| 2. | Paul Vella (obo Soċ. Muż. Sta. Margerita) | € 4,911 |



15.1.14

SANNAT

| | | |
|---|---|---|
| 3. | John Vella (obo Għaqda tal-Armar) | € 4,450 (Option 1)<br>€ 5,450 (Option 2)<br>€ 6,450 (Option 3) |
| 4. | Teddie Bajada (obo San. Lions F. C.) | € 3,856.05 |

Il-Kunsill għażel lil Tonio Muscat, Kalanc Camilleri u Joseph Bonello biex ikunu l-membri tal-Bord tal-aġġjudikazzjoni.

111 Għat-tender tat-tindif u manutenzjoni tal-Bidwi Park kien hemm tlett offerti li kienu:

**Tender No. 04/2013**

**Tender for the Cleaning and Maintenance of Tal-Bidwi Park in an Environmentally friendly manner in Sannat.**

**Closing date 5th July 2013 at 12.00 p.m.**

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1. | Joe Aguis | € 70,000 |
| 2. | Lawrence Borg | € 7,956.95 |
| 3. | Victor Xerri | € 18,525 |

Il-Kunsill għażel lil Tonio Muscat, Kalanc Camilleri u Joseph Bonello biex ikunu l-membri tal-Bord tal-aġġjudikazzjoni.

112 Għat tender tat-tindif tal-cold asphalt kien hemm offerti waħda li kienet:

## Tender No. 05/2013

## Tender for Patching with cold asphalt using environmentally sound methods and materials in Sannat.

**Closing date 5th July 2013 at noon**

| No. | Contractor | Amount | Amount | Amount | Amount |
|---|---|---|---|---|---|



15.1.14

SANNAT

| | | Item 1 | Item 2 | Item 3 | Item 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Gatt Tarmac Ltd. | € 69 | € 98 | € 95 | € 95 |

Din it-tender ser tingħata lil Perit Scerri sabiex jagħmel r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

113 Għat-tender għat-tindif u manutenzjoni tal-latrini Pubbliċi fi Triq Sannat kien hemm żewġ offerti li kienu:

**Tender No. 06/2013**

**Tender for the Cleaning and Maintenance of Public Convenience in Triq Sannat in Sannat.**

**Closing date 5th July 2013 at noon.**

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1. | Paul Vella (obo Soc. Muż. Sta. Margerita) | € 1,695 |
| 2. | Teddy Bajada (obo Sannat Lions F. C.) | € 1,695 |

Dawn iż-żewġ kuntratturi għamlu l-offerta tagħhom bl-istess ammont. Sannat Lions F. C. permezz ta' ittra irtiraw t-tender taghhom biex tingħata lis-Soċjeta' Mużikali Sta. Margarita. Għalhekk il-Kunsill ta din it-tender lis-Soċjeta' Mużikali Sta. Margerita.

114 Għal servizz ta' perit kien hemm waħda. Din kienet:

**Tender No. 07/2013**

**Tender for the Provision of Professional Services of an Architect to Ta' Sannat Local Council**

**Closing date 5th July 2013 at noon.**

| No. | Contractor | Professional Consultancy Service | Contract Management |
|---|---|---|---|
| 1. | Edward Scerri | Tarriffa K | Tariffa K |

Il-Kunsill approva li din tingħata lil Perit Edward Scerri li kienet l-unika offerta. Il-Kunsill għandu jiffirma l-kuntratt.

115 Infetħet it-tender għall-manifattura u nstallazzjoni ta' perimeter chain link fence u galvinized steel/galvinized cast iron gate.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

15.1.14

SANNAT

## Tender No. 08/2013

### Manufacture and installation of perimeter chain link fence and galvinized steel/galvinized cast iron gate in playing field in Triq Marziena, Sannat

**Closing date 5th July 2013 at noon.**

| No. | Contractor | Total Item 1 & Item 2 | Total Item 1 & Item 3 |
|---|---|---|---|
| 1. | Salvu Attard | € 4,880 | € Nil |
| 2. | Teddy Bajada (obo Sannat Lions) | € 4,256 | € Nil |

Din ingħatat lis-Sannat Lions F. C. li kienet l-irħas waħda.

**Item 3. Korrispondenza**

116 Memo 9/2013 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Skema ta' Għajnuna finanzjarja għal korsijiet tal-Life Long Learning 2013 – 2014.

117 Memo 10/2013 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Kuntratti tal-Kunsilli Lokali.

118 Memo 11/2013 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ħlas ta' taxxa u tal-bolla tas-Sigurta' Soċjali.

119 Memo 12/2013 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar artikli li jidhru fuq il-gazzetti lokali.

120 Memo 13/2013 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar projbizzjoni tat-titjip fi Playgrounds u Ġonna Pubbliċi.

121 Memo 14/2013 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar permessi tal-krejnijiet online. Irridu nifthu żewġ kontijiet tal-bank. Dwar din bagħtulna l-applikazzjoni tal-HSBC u tal-BOV.

122 Memo 15/2013 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-użu tal-Internet banking Salarji, pagamenti fuq kuntratti, dawl, ilma, telefonija u transferiment ta' flus.

123 Memo 16/2013 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kontribut finanzjarju tal-Kunsill Lokali għal xiri ta' materjal edukattiv għall-iskejjel. Il-Kunsill jista' joħroġ sa €200 fis-sena.

124 Id-Dipartiment bagħat kopja tal-ittra li bagħat rigward il-planning application PA 1343/12 PA2412/12 u tracking number 145325. Gnien ta' Blankas, ix-Xewkija li jagħmel parti mill-Mgarr ix-Xini Regional Park..



15.1.14

SANNAT

125 Ittra mid-Dipartiment li approva l-ħatra ta' Mark Formosa bħala Deputat Segretarju.

126 Ittra mid-Dipartiment li ser iniedi uffiċċjalment l-iskema ta' Live /Streaming tal-laqgħat Kumitati Reġjonalii u tal-Kunsilli Lokali.

127 Ittra mill-Paying Agency lill-Kunsilli Lokali li t-tenders ġodda jridu jimxu mal-Public Procurement Regulations.

128 CWS ġeddet il-parteċipazzjoni ta' Peter Paul Farrugia u Francis Magro oħra mal-Kunsill Lokali ta' Sannat.

129 Il-MEPA ser tibda l-1 fażi ta' Consultation Exercise fir-rigward tal-Local Plan Review Process. Qed jitolbu l-opinjoni tal-Kunsilli fuq 10 snin li ġejjin u fuq l-local plan ta' Sannat u Gozo & Comino Plan 2006). Ser issir laqgħa mal-Kunsill fit-2 ta' Awwissu 2013.

130 George Azzopardi bagħat draft tal-kuntratt tal-Mġarr ix-Xini Regional Park. Dan ġie approvat.

131 Għaqda Dramatika Sannat ser jorganizzaw attivita' "Tul iż-Żminijiet" fit-23 ta' Lulju 2013. Huma talbu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill sabiex ilaħqu mal-ispejjes li ser ikun hemm. Huma talbu sabiex il-Kunsill jipprovdi d-dawl u l-P. A. System għal din l-attivita' Il-Kunsill qabel li jidħol fl-attivita' billi jitniżżel li ser isir bil-kollabrazjoni tal-Kunsill.

### Item 4. Pjazza Santa Margerita

132 Il-Kiosks tal-Festa ser jinżammu fl-istess postijiet bħas-snin ta' qabel.

133 Il-Kunsill għandu jaħtar bord biex jipprepara għal quddiem ħalli japplika għal fondi tal-Unjoni Europea. Għandu jsir questionaire lir-residenti biex jagħmlu suġġerimenti dwar x' jixtieqU li jsir fil-pjazza.

### Item 5. Miss Sannat Teen

134 Ser jiġi organizzat Miss Sannat Teen fejn żgħażagħ ser jingħataw l-opportunita jipparteċipaw f'attivitajiet. Id-donazjoni ta' Caljente ser tintuża għal din l-attivita. Din ser issir biex fis-Sajf nattiraw lin-nies li jmorru fil-villaġġjaturi lura fil-lokalita'. Għandha ssir applikazzjoni għal parteċipanti. Il-Kunsill ser jipprova jġib reklami biex jagħmlu tajjeb għal din l-attivita'.

### Item 6. Toroq tal-P.P.P.

135 It-toroq tal-iskema tal-P.P.P. ser isiru s-sena li ġejja. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li Gatt Tarmac Ltd. irtira l-garanzija bankarja.



15.1.14

SANNAT

**Item 7. Materja Oħra**

136 Il-Kunsill irċieva s-second interim bill of completed works tal-Construction and Finsihing of Tal-Bidwi Park – bil-VAT u l-persentaġġi tal-Perit u Project Management Fee li hu ta' €78,466.88ċ.

137 Il-Kunsill irċieva l-kont ta' Lot 1 Provision and Planting of trees and Shurbs bil-VAT inkluża tal-Bidwi Park li hu ta' €11,540.88ċ.

138 Lot 2 Provision and installation of Furniture al-Bidwi Park bil-VAT inkluża li kien €10,381.78ċ.

139 Iridu jsiru tabelli dwar projbizzjoni tat-tipjip, roti, etc f'Daħla taċ-Ċnus recreational area u oħra tal-Bdwi Park bħal dik li hemm fil-playing field ta' Merziena.

140 Ġie Thomas Xerri l-kuntrattur li forna l-għamara tal-Bidwi Park. Dan insista li għandu jitħallas għaliex ilu xhur li lesta x-xogħol. Dan qal li ma jimpurtaħx mill-problemi li hemm Dan ġie nfurmat li l-Kunsill kien għadu kif irċieva l-kont tiegħu mingħand il-perit. Is-Sur Xerri ried ikun jaf meta ser jitħallas. Is-Sindku għandu jsaqsi lil Paying Agency meta ser jitħallas għaliex il-kuntratt tal-perit ġie approvat.

141 Michael Bugeja tal-Micho kellem lis-Segretarju dwar il-kont tiegħu tat-tiżjin tal-Milied 2011 fejn kien qabbad il-fistuni mad-dawl tal-uffiċċju tal-Kunsill il-ġdid, mingħajr l-awtorizzazjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju bagħatu fejn l-avukat. Dan kiteb lis-Segretarju u qallu li lest li jaċċetta li l-kont jitnaqqsu għal €800. Is-Segretarju ktibtlu biex imur għand l-avukat. Dan daħal u qabbad il-fistuni tal-Milied mingħajr awtorizzazzjoni. Is-Sindku qal li ma jsibx oġġezzjoni għala dan ma għandux jitħallas. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana qalet li mhix ser terfa' r-responsabilta' jew tagħti opinjoni jekk sar fi żmien il-Kunsill ta' qabel. Is-Segretarju qal li hu mhux ser jiffirma dan il-pagament meta sar serq ta' dawl.

142 Is-Sindku semma il-każ ta' Salvu Buttigieg. Is-Segretarju qal li dan għamel affidavit li għamel ix-xogħol fil-playing field ta' Merziena u baqa' ma tħallasx. ~~Dwar dan il-każ kien hemm xi problemi għaliex is-Sindku kien qabbad lil Salvu jagħmel xi xogħlijiet oħra.~~

143 Il-Kunsillier Maria Cassar Sultana waslet suġġeriment ta' Rose Fava li tixtieq li jkun hemm kumitat organizzattiv tal-attivitajiet fejn jipparteċipaw ir-residenti. Is-Sindku qal li dik dekasteru tiegħu u jiddeċiedi hu xi jsir.

144 Maria Cassar Sultana qalet li ġiet ikkuntatjata minn kumpanija taż-żfin Russa li jixtiequ jesebbixxu il-kultura tagħhom fl-irħula Maltin u Għawdxin bla ħlas. Is-Sindku qalilha biex jikkuntatjaw lilu.

**Item 7. Ilmenti**

145 Il-pole tas-sign tal-gnien il-Vittmi tal-Gwerra tqaċċat. Il-Kunsill għandu jipprova jirranġa dan il-pole għand xi ħadd li jiwweldja l-cast iron.

146 Lucy Sciberras, Narcis, Triq Ta' Durell ilmentat dwar ir-rubbish li qed jinxeħet fuq it-tankijiet tar-recycle bins. Il-kuntrattur ġie nfurmat li mhux qed jinħaslu l-bins.



15.1.14

SANNAT

147 Il-K.I.P. talbu sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq Palazzo Palina sabiex ma jipparkjawx vetturi fil-kantunieri għar-raġuni l-iskammel ma jkunx jista' jdur. Il-Kunsill approva li jsiru dawn id-*double yellow lines* kif rekjesti.

148 Wiġi Farrugia, Plot 19, Triq tal-Kanal, Xewkija ilmeta li waqt il-festival ta' Caljente ġie mwaqqa' ħajt fi Triq Mġarr ix-Xini. Is-Sindku qal li dawn il-ħitan għandhom jitranġaw mill-persuni li organizzaw l-attivita' fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini.

149 Daniel Grima, Triq Pisoniano, talab bozza fi Triq Qortina fil-parti li hi bla tarmak għaliex ma hemmx dawl fit-triq. Din ġiet approvata.

150 Fil-bidu ta' Triq Mġarr ix-Xini sar xi tfieh ta' terrapien. Is-Sindku qal li ser jieħu ħsieb hu biex jitneħħa.

151 Guza Buttigieg, 29 Vjal il-Labour, Xewkija ilmentat lid-dgħajjes fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini qed iħammġu ħafna l-baħar u ma tistax tgħum.

152 Ludovich Curmi, Mount Carmel, Triq Chav. Zammit Haber, Xewkija talab biex irresqu l-ħabel tas-swimming zone tal-bajja ta' Mgarr ix-Xini 'l barra mill-għar bħalma kien qabel għax l-area ta fejn jistgħu jgħumu n-nies ċkienet. Is-Sindku qal li ġa tkellem dwar dan mal-awtoritajiet konċernati.

**Item 8. Approvazzjoni tal-kontijiet pendenti**

153 Ġew approvati l-kontijiet pendenti li huma annessi bħala Skeda Nru. 2

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die..

Arthur Bajada

Segretarju Eúekuttiv

Philip Vella

Sindku

Mark Formosa

Deputat Segretarju Ezekuttiv

15.1.14



Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535